MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Talba Numru. 30/2007/1

Joseph Azzopardi ghan-nom u in rapprezentanza ta' PCG Enterprises Limited (C 29069)

vs

Spiridione Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

'Illi permezz ta' kuntratt tal-kiri ta' karozza datat sebgha (7) ta' Settembru elfejn u hamsa (2005), il-konvenut kera minghand is-socjeta' attrici l-karozza tat-tip Toyota Starlet EAK181 mis-sebgha (7) sas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru elfejn u hamsa (2005).

Illi l-konvenut dahal ukoll fi ftehim mas-socjeta' attrici ghall-mili' ta' nofs it-tank tal-petrol.

Illi sakemm damet ghandu l-karozza, il-konvenut inghata kontravvenzjoni tat-traffiku bin-numru 600-39257-2.

Illi l-konvenut baqa' ma hallas qatt anke' wara li l-atturi ghamlu diversi kuntatti mieghu.

Illi ghadha dovuta lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm161.50) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut ghall-kiri tal-karozza, kif ukoll ta' nofs tank petrol, u tal-kontravvenzjoni tat-traffiku.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' inadempjenti u naqas milli jhallas l-ammont dovut.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici trid li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan l-ammont ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm161.50) flimkien mal-imghax b'effett mis-sebgha (7) ta' Settembru elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta' din il-kawza, l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-tmienja (8) ta' Frar elfejn u sebgha (2007), kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru 143/2007'.

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2008, sama' lil Celine Azzopardi, impjegata mal-kumpanija attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu. Spjegat ukoll li kienet hi li krietlu l-vettura lill-konvenut, u li nofs it-tank tal-petrol kien gie mimli fuq talba tieghu meta l-konvenut kera l-istess vettura. Spjegat ukoll li kemm il-karozza damet mikrija ghand il-konvenut, hu kien inghata citazzjoni ghall-kontravvenzjoni tat-traffiku li kellha taghmel tajjeb ghall-hlas ta' din il-kontravvenzjoni l-istess socjeta' attrici wara li l-konvenut kien abbanduna l-istess karozza fil-port tal-Imgarr, Ghajnsielem, u telaq lejn Malta;

Fl-istess udjenza tat-13 ta' Marzu 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa bhala li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u sitta u sebghin Euro u dsatax il-centesimi (€376.19) ekwivalenti ghal mija u wiehed u sittin Liri Maltin u hamsin centesimi (Lm161.50), ammont dovut in konnessjoni mal-kiri ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAK181, provvista ta' nofs tank petrol meta giet mikrija din il-vettura, u hlas ta' kontravvenzjoni tat-traffiku li ghaliha kien responsabbli l-konvenut, bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali nkluzi tal-ittra ufficjali numru 143/2007, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------